**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 260/2010**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Shawn Borg**
**(ID 71886(M))**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Shawn Borg ta' 23 sena, iben William u Theresa nee` Cauchi, imwieled il-Pieta`, nhar l-24 ta' Jannar 1986, residenti Ezekjel Flats, Flat 1, Triq Patri Born, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 71886(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-1 ta' Awissu 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta` l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta` Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, salv li terġa tinstema' x-xhieda tal-imputat, ta' Elizabeth Borg, Mark Brincat u Andre Grima;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2015 id-difiża ddikjarat illi ma kienx hemm il-ħtieġa illi jerġgħu jixhdu Elizabeth Borg u Mark Brincat, fil-waqt illi semgħet ix-xhieda ta' Andre Grima u tal-imputat odjern;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta mix-xhieda tas-**Supretendent Norbert Ciappara**[1], **PS 1086 Johann Micallef**[2], **PC 1319 Matthew Xuereb**[3] u **WPC 127 Carmen Gauci**[4] illi fil-31 ta' Lulju 2007, Pulizija mit-Taqsima ta' kontra d-Droga, interċettaw żewġ persuni ossia lil Pierre Muscat u lil Mark Brincat, hekk kif dawn kienu għadhom kif għamlu kuntatt ma' xulxin. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta illi dakinhar Pierre Muscat akkwista biċċa raża tal-*cannabis* mingħand Mark Brincat bil-prezz ta' għaxar Liri Maltin[5], liema sustanza nstabet mal-art ħdejn il-vettura ta' Brincat. Fil-pussess ta' Brincat u ġewwa l-vettura misjuqa minnu dakinhar, instabu diversi biċċiet tar-raża tal-*cannabis.*[6] Dwar il-biċċiet raża tal-*cannabis* li nstabu fil-pussess tiegħu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija dakinhar stess, liema stqarrija ġiet sussegwentement ikkonfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti[7], l-istess **Mark Brincat** jgħid illi xi tliet ġimgħat qabel,

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 11 sa 14 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 28 sa 30 u a fol. 127 sa 128 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 95 sa 97 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 129 sa 130 tal-proċess.
[5] Ara x-xhieda ta' **Pierre Muscat** quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, a fol. 12 tal-proċess verbal li jinsab esebit a fol. 10 tal-proċess u x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri a fol. 98 sa 101 tal-proċess.
[6] L-oġġetti li ġew elevati mill-pussess ta' Mark Brincat jidhru fir-ritratti li jiffurmaw parti mir-relazzjoni ta' **PS 964 Robert Scicluna**, a fol. 17 tal-proċess verbal li jinsab esebit a fol. 10 tal-proċess.
[7] Ara l-istqarrija ta' Mark Brincat a fol. 9 sa 11 tal-proċess verbal esebit a fol. 10 tal-proċess u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti 13 u 14 tal-proċess.

huwa kien ftiehem ma' ċertu Shawn (ossia l-imputat odjern) u ma' ċertu Andre (li wara rriżulta li kien Andre Grima) sabiex jixtru nofs sapuna. Din kienet ser tinqasam in kwantu għal nofs bejn Grima u Brincat u in kwantu n-nofs l-ieħor għall-imputat odjern. Skont l-istess Brincat, missieru sablu din ir-raża u għalhekk huwa prova jeħles minnha. Kien għalhekk li mar għand Shawn u tah lura din id-droga, iżda wara dan reġa' tahielu lura għax ried il-flus. Brincat ikompli jgħid li hu ried jeħles minnha, iżda sadanittant ikkuntatjah Pierre (Muscat) u ltaqgħu biex jara dan x'ried minnha. Skont l-istess Brincat, Shawn xtara nofs sapuna u Andre u hu qasmu bejniethom in-nofs ta' dan in-nofs ossia kwart bejniethom. Ma kienx jaf mingħand min Shawn akkwista nofs is-sapuna. Huwa jgħid li hu u Andre xtraw sehemhom mingħand Shawn u li ta' sehmu, huwa kellu jħallas ħamsa u tmenin Lira Maltin. Andre wkoll kellu jħallas l-istess ammont għal sehmu. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti huwa jikkoreġi dik il-parti tal-istqarrija tiegħu fejn kien stqarr illi huwa ma biegħx raża tal-*cannabis* fl-aħħar erba' xhur u jgħid illi meta xi ħadd kien jitolbu xi biċċa *cannabis* bħala pjaċir, huwa kien jagħtih, għalkemm mhux dejjem tħallas.

Bħala riżultat ta' din l-investigazzjoni u xhieda, ġie arrestat l-imputat odjern Shawn Borg, nhar l-1 ta' Awwissu 2007. Mix-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras**[8], **WPC 27 Antonella Vella**[9] u **PC 642 Joseph Camilleri**[10], jirriżulta illi nhar l-1 ta' Awwissu 2007, huma marru fuq il-moll tal-Qawra fejn sabu lill-imputat jistad flimkien ma' tfajla (li wara rriżultat li kienet Elizabeth Spence, it-tfajla tal-imputat). Fil-basket tal-imputat instabu diversi biċċiet ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis,* u la darba fir-residenza tiegħu ġewwa Marsaskala, mill-gwardarobba huwa kkonsenja lill-pulizija landa b'diversi biċċiet tar-raża tal-*cannabis.* Instabu wkoll xi loqom u lubretti u ġew elevati xi flus, b'kollox sebgħa u sittin Liri Maltin, li kienu fil-pussess tal-imputat. L-istess Shawn Borg irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-2 ta' Awwissu 2007.[11]

Fil-kors ta' din l-investigazzjoni, saret tfittxija wkoll fir-residenza ta' Andre Grima ġewwa Ħal Qormi, fejn instabu biċċiet tar-raża tal-*cannabis,* fosthom biċċa mdaqqsa, kif ukoll xi flus kontanti li wkoll ġew elevati.[12]

Jirriżulta mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[13], maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti fir-rigward tas-sustanza li nstabet fil-pussess ta' Pierre Muscat u Mark Brincat nhar il-31 ta' Lulju 2007, illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analizi tiegħu:

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 21 sa 23 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 24 sa 25 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 31 sa 32 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 15 u 16 tal-proċess.
[12] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Saviour Baldacchino**, a fol. 26 u 27 tal-proċess.
[13] Ara din ir-relazzjoni a fol. 52 sa 94 tal-proċess.

1. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.30pm Elevat/i minn mal-art hdejn in-naha tal-passigier fil-preżenza ta' Pierre Muscat minn PS1086 WPC127 (2) sustanza ta' lewn kannella u (3) biċċa *aluminium foil* żgħira.** Kodiċi tal-Esebit **518_07_01.**

2. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm Elevati/i minn gol-karozza IBA 028 (fuq saqajh) fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127** u **(2) sustanza ta' lewn kannella u biċċa *aluminium foil***. Kodiċi tal-Esebit **518_07_02.**

3. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm Elevati/i minn gewwa d-dashboard tal-IBA 028 fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127** u **(2) biċċa karta b'xi kliem miktuba fuqha**. Kodiċi tal-Esebit **518_07_03.**

4. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm Elevati/i minn gewwa l-glove compartment (IBA 028) fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127** u **(2) pakkett ta' *King Size Smoking Slim Cigarette Papers*.** Kodiċi tal-Esebit **518_07_04.**

5. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Pocket ta' lewn blu tal-plastik bil-kliem Polaroid Eyewear li fih xi tiċpis ta' lewn kannella u borża tal-plastik trasparenti li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm Elevati/i minn gol-glove boot tal-karozza IBA 028 fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127** u **(2) żewġ boroż tal-plastik żgħar trasparenti li fihom tiċpis ta' lewn kannella.** Kodiċi tal-Esebit **518_07_05.**

6. *Envelope* ta' lewn abjad li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **Kaxxa tal-*playboy* li fiha: (1) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm**

**Elevati/i minn gol karozza minn fuq siqu (kaxxa sewda bil-playboy) fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127** u **(2) borża tal-plastik li fiha: (i) karta bil-kliem Data: 31/7/07 Ħin: 5.20pm Elevati/i minn gol karozza IBA 028 (fuq saqajh) go kaxxa sewda bil-playboy fil-preżenza ta' Mark Brincat 160086(M) minn PS1086 PC1319 WPC127 (ii) 8 sustanzi ta' lewn kannella ġo *aluminium foil* (iii) sustanza ta' lewn kannella ġo *cling film* (3) borża tal-plastik trasparenti li fiha żewġ sustanzi ta' lewn kannella, 1 ġo *aluminium foil* u l-oħra ġo *cling film* u frak ta' lewn kannella.** Kodiċi tal-Esebit **518_07_06.**

L-istess espert ikkonkluda bis-segwenti mod dwar id-dokumenti fuq deskritti:

(a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokumenti **518_07_01**, **518_07_02** u **518_07_06** instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol***, sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piż tas-sustanzi kien ta' **56.62 grammi** u l-purita` kienet ta' ċirka 12%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq *swabs* meħuda mill-*pocket* ta' lewn blu u ż-żewġ boroż li hemm fid-dokument **518_07_05** instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol***, sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi l-istess Xjenzat Godwin Sammut ġie maħtur ukoll minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex janalizza s-sustanza elevata mill-pussess ta' Shawn Borg u ta' Andre Grima, kif ukoll sabiex isir *chemical profiling* bejn is-sustanza elevata mingħand Shawn Borg, Andre Grima, Mark Brincat u Pierre Muscat.[14]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[15], sussegwenti dan l-inkarigu, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu:

1. *Envelope* kannella mmarkat bħala **S/B/565/2011 Pul vs Shawn Borg Dok NC1** li fih: ***Evidence bag* bin-numru B000955854 li fih: (i) kaxxa li fiha diversi *cigarette ends*, karti u tabakk; (ii) borża tal-plastik trasparenti li fiha: (a) karta bil-kliem Data 01-08-07 Ħin 22:30hrs Elevat/i minn ġol-basket fuq il-Moll Qawra fil-preżenza ta' Shawn Borg 71886(M) u Elizabeth Spence Pass No. 400177692 minn PS1174, WPC237, PC295,**

[14] Ara din il-ħatra a fol. 9 tal-proċess. Is-sustanza elevata mill-pussess ta' Borg u Grima ġiet esebita mill-Uffiċjal Prosekutur, is-Supretendent Norbert Ciappara waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.
[15] Ara din ir-relazzjoni a fol 113 sa 126 tal-proċess.

**PC642; (b) karti tal-flus (c) karti tal-brim (d) karta ta' lewn roża; u sustanzi ta' lewn kannella.** (iii) Borża tal-plastik trasparenti li fiha **karta bil-kliem Data 01-08-07 Ħin 23:00hrs Elevat/i minn Flt 1 Ezekiel Flats Blk B Triq Patri Borm M'Scala (Wardrobe) fil-preżenza ta' Shawn Borg 71886(M) u Elizabeth Spence Pass No. 400177692 minn PS1174, WPC237, PC295, PC642 u sustanzi ta' lewn kannella u 4 *joints*.** Dan id-dokument ġie mmarkat bil-kodiċi tal-laboratorju 184_12_01.

2. *Envelope* kannella mmarkat bħala **S/B/564/2011 Pul vs Shawn Borg Dok NC3** li fih: **(1) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 1/8/07 Ħin 13:45hrs Elevat/i minn bedroom ta' Andre Grima fil-*bedside table* tax-xellug fil-preżenza ta' Theresa Grima 116552(M) minn WPS136, PC396, PC1319 u (ii) 2 sustanzi ta' lewn kannella ġo *aluminium foil*. (2) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 1/8/07 Ħin 13:45hrs Elevat/i minn bedroom ta' Andre Grima minn ġol-*boxfile* aħdar minn fuq id-desk fil-preżenza ta' Theresa Grima 116552(M) minn WPS136, PC396, PC1319 (i) pakkett tas-sigaretti vojt u (ii) sustanza ta' lewn kannella ġo *aluminium foil*.** Dan id-dokument ġie mmarkat bil-kodiċi tal-laboratorju 184_12_02.

3. *Envelope* kannella mmarkat bħala **S/B/563/2011 Pul vs Shawn Borg Dok NC4** li fih: **(i) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 1/8/07 Ħin 13:45hrs Elevat/i minn bedroom ta' Andre Grima fil-*bedside table* tal-lemin fil-preżenza ta' Theresa Grima 116552(M) minn WPS136, PC396, PC1319 u (ii) sustanza ta' lewn kannella u kaxxa tas-sigaretti vojta.** Dan id-dokument ġie mmarkat bil-kodiċi tal-laboratorju 184_12_03.

L-istess espert ikkonkluda bis-segwenti mod dwar id-dokumenti fuq deskritti:

(a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 184_12_01, 184_12_02 u 184_12_03 instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol***, sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis.* Il-piż total tas-sustanza kien ta' 109.85 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 8%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi l-*chemical profiling* li sar fuq is-sustanzi huwa nkonklussiv għaliex: (i) għalkemm hemm xebħ żgħir bejn Dok. NC1, Dok. NC2 u Dok. NC3, hemm bżonn ta' aktar testijiet sabiex riżultat ikun konklussiv (ii) is-sustanzi li jinstabu fil-pjanta tal-*cannabis* u fir-resin jiddegradaw biż-żmien, għaddew ħames snin u l-*istorage conditions* huma *unknown.*

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi s-sustanza mmarkata Dok. NC1 ossia dik li nstabet fil-pussess ta' Shawn Borg (u Elizabeth Spence) kellha piż totali ta' 43.58 grammi, is-sustanza mmarkata Dok. NC3 kellha piż ta' 58.77 grammi, fil-waqt illi s-sustanza Dok. NC4 kellha piż ta' 7.50 grammi. Dawn l-aħħar żewġ dokumenti nstabu fil-pussess ta' Andre Grima.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, xehed **Andre Grima**[16], li jgħid illi fil-konfront tiegħu ttieħdu proċeduri dwar pussess għall-użu personali tal-*cannabis.* Jgħid ukoll b'referenza għal din id-droga, illi l-ftehim kien li din tinqasam bejn erbgħa, għalkemm imbagħad isemmi tliet persuni ossia Mark, Shawn (l-imputat odjern) u hu. Jgħid illi huwa kien jaf lil Mark u lil Shawn tramite l-iskola ITS. Billi kienu jpejjpu ħafna u kienu jixtru biċċiet żgħar tal-*cannabis*, din kienet qed tiġihom għolja u l-biċċiet kienu jikkunsmawhom f'qasir żmien. Allura ftehmu illi jixtru sapuna u jaqsmuha bejniethom. Spjega illi hu ħareġ xi mitt Lira Maltin in kwantu sehmu u tahom lill-imputat billi "*Dakinhar kien inzerta mar Shaun*"[17]. Żied jgħid illi d-droga waslet għandu ftit tal-jiem wara, illi huma ltaqgħu kollha ġewwa l-appartament ta' Shawn, Wied il-Għajn u hemm qasmuha bejniethom. Kulħadd ħa l-parti tiegħu u lkoll telqu għal rashom.

In kontro-eżami ix-xhud jgħid illi proprjament il-ftehim kien jinkludi wkoll lil Elizabeth (Spence), it-tfajla ta' Shawn u kien għalhekk li fil-bidu tax-xhieda tiegħu, huwa semma' erba' persuni. Jgħid ukoll illi l-appartament proprjament kien ta' Elizabeth u hemmhekk kien jirrisjedi magħha l-imputat. Jgħid ukoll illi huwa kien ilu juża l-*cannabis* minn meta mar l-Iskozja u għalhekk qabel dakinhar, u illi qabel kien jixtri biċċiet tal-għaxra, li qatt ma xtrahom mingħand l-imputat, mingħand Brincat jew mingħand Spence. Huwa kien jaf ukoll illi anke l-oħrajn kienu jużaw il-*cannabis* għaliex kienu l-Iskozja flimkien u illi ġieli abbużaw mill-*cannabis* flimkien fl-appartament ta' Elizabeth. Jgħid illi huwa kien ipejjep mal-ħames *joints* kuljum u illi biċċa ta' għaxra bilkemm kienet isservih jumejn. Kien għalhekk li huwa ftiehem mal-oħrajn sabiex iġib biċċa kbira li tkun tista' sservih iżjed fit-tul. Jgħid ukoll illi dan kien jgħodd għall-oħrajn. Jikkonferma illi kienu ftehmu flimkien dwar ix-xiri tas-sapuna, dwar minn fejn kienet ser tiġi akkwistatha, dwar min kien ser iġibha u anke dwar il-prezz. Din id-deċiżjoni ħaduha lkoll flimkien. Grima kkonferma wkoll illi ma kienx l-imputat illi ddetermina liema droga ser tinxtara, minn fejn u versu liemu prezz għaliex "*bejnietna, kollox bejnietna ahna ftehmna*".[18] Xehed illi għalkemm ma kienx jaf lill-fornitur personalment pero` kien jafu minn wiċċu, għaliex il-fornitur ukoll kien isegwi kors l-ITS. Jgħid illi dan kien jaf min kien, "*meta kien xtara Shaun u Mark ma kellix idea min kien*".[19] Spjega wkoll illi ma marrux kollha f'salt jixtru

[16] Ara din ix-xhieda a fol. 33 sa 44 tal-proċess.
[17] A fol. 36 tal-proċess.
[18] A fol. 40 tal-proċess.
[19] A fol. 40 tal-proċess.

d-droga għaliex ma kienx lok li jmorru lkoll f'daqqa. Dakinhar ftehmu illi jmur l-imputat u Grima jiftakar illi kien ħallas għal sehmu minn qabel.

Meta reġa' xehed f'dawn il-proċeduri, Andre Grima[20] jikkonferma dak illi kien diġa` xehed preċedentement u ċioe` illi hu, l-imputat, Spence u Brincat kienu klikka ta' ħbieb, ilkoll jiffrekwentaw l-ITS u kienu jkunu dejjem flimkien. Jgħid ukoll illi kienu jiltaqgħu ipejpu flimkien, bejniethom, u kienu jpejpu ħafna u għalhekk peress illi l-*cannabis* kienet qegħda tiġihom għolja, ftehmu li jixtru sapuna u jaqsmuha bejniethom. Jgħid hekk f'dan ir-rigward: "*Ftehimna minn qabel li hrigna l-flus u imbghad ftehmna min ser imur, biex ma mmorrux kollha f'daqqa, imur darba wiehed u darba iehor*"[21] u li "*Hrigna l-flus u imbghad dakinhar kien mar Shawn imma konna mmorru min seta' jmur jigifieri*"[22] u kkonferma li seta' mar ħaddieħor minflok. Mistoqsi mill-Qorti kemm il-sapuna kienu xtraw, ix-xhud jgħid "*Wahda konna nixtru*" u mistoqsi kemm il-darba ġrat din li jixtru sapuna, huwa jgħid illi ma jiftakarx, iżda jaħseb li xi darbtejn. F'din l-okkażjoni kien l-imputat li ġab id-droga, iżda d-darba ta' qabel kien mar xi ħadd ieħor minn fosthom. Wara li nxtrat is-sapuna, huma ltaqgħu ġewwa l-appartament ta' Spence u hemm qasmuha bejn erbgħa, kulħadd pejjep xi ftit minn sehmu u li kien fadal ħaduh magħhom. Ir-raża li nstabet fil-pussess tiegħu kienet parti mis-sapuna li nxtrat bejniethom. Grima ikkonferma illi bħal ma mar jakkwista d-droga l-imputat, seta' mar xi ħadd ieħor mill-membri tal-grupp. Ikkonferma illi l-flus inġabru minn qabel għaliex "*dik dejjem konna nagħmluha*"[23]. Mistoqsi jekk l-imputat kienx ibiegħ id-droga, Grima wieġeb illi "*Le le qatt. Zgur*"[24].

Xehed ukoll f'dawn il-proċeduri **Pierre Muscat**[25] li jgħid illi dakinhar li twaqqaf u ġie arrestat mill-pulizija, huwa kien qed jixtri l-ħaxixa ossia raża bil-prezz ta' għaxar Liri Maltin, mingħand Mark. Jgħid illi kien ilhom ħbieb u li kien xtara xi darbtejn mingħandu fuq perjodu ta' xhur. Jgħid ukoll illi lill-imputat huwa ma jafux u qatt ma ltaqa' miegħu.

Mix-xhieda ta' **Mark Brincat**[26] fil-mori ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta illi dakinhar tal-arrest tiegħu huwa nstab mill-pulizija ma' Pierre Muscat u illi huwa kien qed ibiegħ ir-raża tal-*cannabis*. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis*. Dwar kif huwa kien fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* dakinhar tal-arrest tiegħu, ix-xhud jgħid illi: "*Konna igifieri ftehimna li flimkien, peress li ovvjament biex ma toqghodx tixtri bicca, bicca, flimkien nixtru aktar*

[20] Ara din ix-xhieda a fol. 233 sa 249 tal-proċess.
[21] A fol. 237 tal-proċess.
[22] A fol. 237 tal-proċess.
[23] A fol. 244 tal-proċess.
[24] A fol. 246 tal-proċess.
[25] Ara din ix-xhieda a fol. 98 sa 101 tal-proċess.
[26] Ara din ix-xhieda a fol. 102 sa 108 tal-proċess.

*ammont kbir, biex tigi naqra irhas ukoll, ghamilna din l-affari, kif kienet fil-pussess tieghi sabhieli l-papa tieghi u ovvjament iggennen ovvjament, ried jahraqhieli ovvjament u jien ghidtlu li tal-hbieb tieghi u tal-ahhar u xtrajtha bil-flus u x'naf jien, ikkuntattjat lil Sean peress li kien habib tieghi u gibniha flimkien, ippruvajt nerga' intiehlu lura biex forsi nerga' ingib il-flus lura minghand min xtrajniha, dan ma riedx u rega' tghahieli lura u daqshekk imbaghad kont inqbadt hux. Igifieri jien ma kontx naf x'kien jaghmel Sean bis-sehem tieghu, jiena x'kont naghmel jien naf, pero' ma nahsibx li kien imexxi.*"[27]

Brincat jikkonferma illi hu, l-imputat u Andre Grima kienu ħbieb, jiffrekwentaw l-istess kors ta' studju ġewwa l-ITS. Kienu wkoll jiltaqgħu u jpejpu l-cannabis flimkien. Spjega illi ftehmu illi jixtru d-droga flimkien: "*Ftehmna t-tlieta li ahna, konna jiena Sean w Andre, ftehmna li ngibuha flimkien. Sa fejn naf jien Andre ried igibha biex jiffranka l-flus ghax kien qed jinxtriha naqra, naqra u kienet qed tigih gholja, ... u ftehmna li ngibu flimkien imbaghad.*"[28] Brincat ma jiftakarx kemm kien il-piż tad-droga pero` jgħid li "*mhux xi ammont ta' barra minn hawn imma konna niehdu bi shab li naf zgur*" u kulħadd jieħu sehmu.[29] Brincat żied jgħid illi "*Il-flus dakinhar inzertajna kien ser igibha Sean, allura ovvjament jiena w Andre tghajna sehmna lil Sean*".[30] Jgħid illi ma marrux kollha flimkien biex iġibu d-droga, ġabha l-imputat, imbagħad, kulħadd ħa sehmu.

In kontro-eżami, Brincat ikkonferma illi d-droga ma nxtratx mingħand l-imputat iżda mingħand terza persuna. Ikkonferma illi d-droga nxtrat bi sħab bejn erba' persuni: Mark Brincat, Andre Grima, Elizabeth Spence u l-imputat, għalkemm huwa jgħid illi mal-imputat kellu x'jaqsam u mhux mat-tfajla tiegħu. Mistoqsi jekk kinux fl-appartament ta' Spence meta ftehmu dwar dan l-akkwist u meta għaddew il-flus lil xulxin, huwa jwieġeb illi ġeneralment kollox kien isir f'dan l-appartament. Brincat jikkonferma illi din il-biċċa xogħol ġieli ġrat qabel dakinhar u illi ġieli ġab id-droga ħaddieħor. Jgħid ukoll illi dakinhar mar l-imputat jakkwista d-droga sabiex ma jmorrux ilkoll f'daqqa, anke għaliex skont hu, Shawn kien jaf lill-fornitur iżjed minnhom. Madankollu, jikkonferma wkoll illi kif dakinhar mar l-imputat għad-droga, seta' mar ħaddieħor mill-grupp.

L-imputat għażel illi jixhed f'dawn il-proċeduri[31]. Huwa jgħid illi qabel ġie nterċettat mill-Pulizija, kien ilu Malta madwar ħames xhur għaliex fiż-żmien ta' qabel kien qiegħed l-Iskozja in konnessjoni mal-istudji tiegħu ġewwa l-ITS u xogħol relatat. Miegħu kien hemm ukoll Andre Grima. Flimkien ma' Mark Brincat u Elizabeth Spence, dak iż-żmien it-tfajla tiegħu, kienu lkoll studenti

[27] A fol. 103 tal-proċess.
[28] A fol. 104 tal-proċess.
[29] A fol. 104 tal-proċess.
[30] A fol. 105 tal-proċess.
[31] Ara din ix-xhieda a fol. 180 sa 195 tal-proċess.

flimkien ġewwa l-ITS. Meta rritornaw lura mill-Iskozja kienu jpejjpu l-*cannabis* – dak iż-żmien kienu jixtru biċċiet żgħar u kienet tiġihom għolja. L-imputat spjega illi kienu jkunu dejjem flimkien u "*ddecidejna, darba qeghdin l-iskola, li nixtru bicca u hekk ghamilna. Xtrajna darba, xtrajna darbtejn u xtrajna t-tielet darba u t-tielet darba inzertat kont mort ghaliha jiena*".[32] Spjega illi din it-tielet darba kienet dik illi wasslet għal dawn il-proċeduri. Żied jgħid illi huma ossia Mark, Andre, it-tfajla tiegħu u hu kienu jixtru d-droga u jaqsmuha bejniethom. Id-deċiżjoni kienet tagħhom flimkien, għaliex kienu jpejpu flimkien. Għalihom kienet xi ħaġa regolari li jpejpu l-*cannabis* flimkien u fil-presenza ta' xulxin. Spjega illi wara x-xogħol jew wara l-iskola kienu jmorru ġewwa l-appartament ta' Spence u joqogħdu hemmhekk flimkien, l-erbgħa li huma. Jgħid ukoll illi ħarġu l-flus bejniethom biex imorru jixtru, bil-ħsieb li jaqsmuha bejniethom. Il-fornitur dejjem kien l-istess persuna u lil din il-persuna kienu jafuha l-erbgħa li huma, billi dan kien jattendi l-ITS magħhom. L-imputat żied jgħid illi għalkemm qabel huwa kien jaf lill-fornitur, biss kien tramite Mark illi sar jaf li dan ikollu d-droga u illi l-fornitur kien l-istess persuna li Brincat semma' fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. L-arranġament dwar l-akkwist tad-droga kien isir billi jċemplu lill-fornitur u dan jagħtihom prezz, imbagħad jiġbru l-flus bejniethom billi kulħadd iħallas kwart tas-somma mitluba u wara jsir l-akkwist. Ma kien hemm ebda regola dwar min imur jixtri u fi kliem l-imputat "*daqqa mort inti u daqqa mort jiena*"[33] tant illi darba kien mar Brincat, u d-darba ta' qabel, jekk jiftakar sew, marru Grima u l-istess imputat. Fl-aħħar okkażjoni, mar l-imputat waħdu. Ma kinitx tagħmel differenza min kien imur għaliex il-fornitur kien jafhom. Dwar l-arrest tiegħu, huwa jgħid illi l-pulizija marru fuqu x'ħin ken qiegħed jistad u hemmhekk sabulu biċċa raża u *joint.* Qalilhom li kellu iżjed biċċiet id-dar, u la darba hemmhekk, huwa tahom ir-raża li kellu, flimkien mal-lubretti, *lighters* u affarijiet relatati mal-użu tad-droga. Dwar dawn, it-tfajla tiegħu wkoll assumiet ir-responsabilita` għalihom, tant illi ttieħdu proċeduri kontra tagħha wkoll in konnessjoni ma' din id-droga.

Dwar l-inċident illi Brincat kellu ma' missieru, l-imputat xehed illi madwar erbat ijiem jew jumejn qabel ġie nterċettat mill-Pulizija, Brincat kien ċempillu u spjegalu x'kien ġara fis-sens illi missieru kien sablu d-droga u talbu biex jagħmillu pjaċir u jżommlu s-sehem tiegħu mis-sapuna sakemm jerġa' jeħodha lura mingħandu. L-imputat aċċetta illi jagħmel dan għaliex Brincat kien ħabib tiegħu. Brincat mar fejn l-imputat meta dan kien ix-xogħol u l-imputat żamm id-droga ta' Brincat fil-*locker* sal-għada meta Brincat mar lura għaliha. L-imputat spjega illi Brincat sempliċement ried jaħbi d-droga minn missieru. Spjega wkoll illi kellu ħjiel illi Brincat kien imexxi d-droga, iżda dan qatt ma biegħ droga lill-imputat, anke għaliex lill-imputat ma setax joffrilu prezz aħjar. Hu lanqas ma kien jaf li Brincat kien ibiegħ id-droga lil Pierre Muscat.

---

[32] A fol. 182 tal-proċess.
[33] A fol. 186 tal-proċess.

In kontro-eżami, l-imputat jikkonferma illi dejjem "*gbarna l-flus flimkien*"[34] u wara marru għand il-fornitur sabiex jixtru d-droga. Ikkonferma illi l-flus kienu jinġabru minn qabel u dan ġara anki fl-aħħar okkazjoni meta nxtrat id-droga. Jgħid ukoll illi veru li żamm id-droga għal Mark, iżda mhux minnu li Mark kien għadu ma ħallsux ta' din ir-raża, jew li huwa kien qallu li l-fornitur flus irid u mhux jieħu x-xogħol lura.

Fuq talba tad-difiża, l-imputat xehed għal darb'oħra quddiem il-Qorti kif preseduta.[35] Huwa jerġa' għal darb'oħra jixhed dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tiegħu u jerġa' jgħid illi l-akkwist mertu tal-każ sar minnu, minn martu (saż-żmien ta' din ix-xhieda jidher li Spence u l-imputat iżżewġu), Andre Grima u Mark Brincat u li kienu għadhom kif akkwistaw id-droga xi ġimgħa jew ġimgħa u nofs qabel l-arrest tiegħu. Jikkonferma wkoll illi xtraw id-droga flimkien, imbagħad kienu jiltaqgħu fl-appartament ta' Spence, jaqsmu d-droga bejn erbgħa u hemm iqattgħu il-ħin ipejpu u jilagħbu l-karti għaliex "*it was the way of life li kellna dak iż-żmien*".[36] Jgħid ukoll illi huma xtraw id-droga flimkien xi darbtejn oħra. Jerġa' jikkonferma illi lkoll kienu jafu l-fornitur min kien għaliex kien student bħalhom l-ITS. Ġabru l-flus minn qabel kif kienu jagħmlu dejjem, biss f'din l-okkażjoni, mar hu stess jixtri d-droga, għalkemm fid-drabi ta' qabel ma kienx hu li mar sabiex jakkwista r-raża. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien huma kienu jiltaqgħu kuljum ġewwa l-appartament tat-tfajla tiegħu. F'din l-okkażjoni l-imputat kien sempliċement mar jiġbor id-droga. Jgħid ukoll illi hu qatt ma biegħ droga u lanqas ma ħa flus għalih meta akkwista d-droga.

In kontro-eżami, l-imputat jgħid illi fl-okkażjoni li mar hu jakkwista d-droga, huwa kien iltaqa' mal-fornitur il-Gżira, u wara baqa' sejjer fl-appartament. Wara marru l-oħrajn hemmhekk. Jgħid illi diġa` kienu ħarġu sehemhom u taw il-flus lill-fornitur l-iskola. Skont hu, f'dan il-każ huma lkoll għaddew il-flus direttament lill-fornitur u ma ġewx mgħoddija lilu, għalkemm ġieli ġabru l-flus f'daqqa wkoll. Jgħid ukoll illi minn sehmu kien forsi joħroġ xi sittin *joint* u li f'lejl żgur ma kinux ipejpu daqshekk. F'lejl kienu jpejpu madwar għaxar *joints* bejniethom l-erbgħa u ġielu kienu jkunu iktar u jpejpu iżjed. Jerġa' jgħid ukoll illi huma xtraw bil-kwantita` sabiex jiffrankaw il-flus. Is-sapuna li akkwistaw ma kinux ser jikkunsmawha f'lejl wieħed, u wara li qasmuha u pejpu minnha, kulħadd żamm dak li kien fadal minn sehmu. Meta arrestawh il-pulizija, ħadulu dak li kien fadal minn sehmu (u minn sehem Spence), kif ħadu wkoll dak li kien fadlilhom Andre u Mark. Skont ix-xhud, mhux bilfors kienu jkunu flimkien biex ipejpu l-*cannabis*. Kulħadd imbagħad kien jieħu sehmu u jagħmel kif irid biha.

---

[34] A fol. 194 tal-proċess.
[35] Ara din ix-xhieda a fol. 250 sa 268 tal-proċess.
[36] A fol. 255 tal-proċess.

Xehdet ukoll **Elizabeth Spence**[37], li tikkonferma illi l-komponenti tal-grupp ta' ħbieb kienu hi u l-imputat, Andre Grima illi kienet ilha tafu minn meta kienu qegħdin jaħdmu flimkien l-Iskozja, u Mark Brincat illi saret tafu ftit tax-xhur qabel seħħ dan il-każ. Dwar Mark Brincat xehdet illi hi personalment ma tantx kienet tafdah u żiedet tgħid illi dan kien jabbuża anki minn drogi oħrajn u kien aktar "*wild*" għaliex fil-waqt illi huma kienu aktar ifittxu illi joqogħdu d-dar fil-ħin liberu tagħhom, Brincat kien aktar it-tip illi jiffrekwenta l-*parties*. Ilkoll kienu fl-istess linja ta' studju. Kienu jiltaqgħu regolarment fl-appartament tagħha u hemm jgħaddu l-ħin ipejpu jew jilagħbu l-karti u ġielu kienu jmorru ħdejn il-baħar. Spjegat illi "*Konna nahdmu l-istess hinijiet u konna niltaqghu wara x-xoghol biex inpejpu*"[38]. Tgħid illi f'kemm kien ilhom fir-relazzjoni bejniethom, l-imputat qatt ma traffika droga. Żiedet tgħid illi l-*cannabis* illi kienu jpejpu mhux dejjem kienet tiġi mill-istess sors "*gieli skond minn fejn stajna insibu, gieli kien jixtri Shawn, gieli kien jixtri Mark, konna ingibu minn fejn stajna*"[39] u li meta kienu jixtru l-*cannabis*, dan kienu jagħmluh għal kulħadd. Kienu jiltaqgħu fl-appartament tagħha u jaqsmuha. Spjegat ukoll illi meta ġew arrestati mill-Pulizija kienu ħdejn il-baħar u kienu qegħdin ipejpu xi *joint*. Minn hemm ittieħdu fl-appartament tagħha u huma taw lill-pulizija d-droga kollha illi kellhom – biċċa blokka tal-*cannabis* illi Spence u l-imputat kellhom għall-użu personali tagħhom. Tgħid illi huma kienu xtraw sapuna u qasmuha nofs għaliha u għall-imputat u kwart kull wieħed għal Brincat u Grima. Għal din is-sapuna ġabru l-flus ilkoll bejniethom. Żiedet tispjega illi dak in-nhar kien mar jixtri l-imputat "*Għax dakinhar ma kienx xoghol u hu kellu ċ-ċans*"[40] iżda seta' kien kwalunkwe wieħed minnhom illi mar jixtri d-droga u dan għaliex kienu jeħduha *in turns*.

Xehdet ukoll **l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa**, li ppreżentat *Social Inquiry Report* dwar l-imputat.[41] Jirriżulta illi l-imputat irċieva trobbija tajba f'familja magħquda u għandu relazzjoni tajba kemm mal-ġenituri tiegħu, kif ukoll ma' oħtu. L-imputat beda jpejjep il-ħaxixa meta beda l-kors ta' studju ġewwa l-ITS u kien ipejjep flimkien ma' sħabu. Eventwalment it-tipjip sar vizzju waqt illi l-imputat kien jinsab l-Iskozja bħala parti mill-programm ta' studji tiegħu. Il-familja ma kinitx taf b'dan il-vizzju tal-imputat u kien xokk għalihom meta saru jafu b'dan wara li rċevew id-dar riferta in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri. Jirriżulta illi l-imputat waqaf jabbuża mid-droga meta ġie arrestat mill-pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ. Illum il-ġurnata jgħix ħajja stabbli, ma jirriżultax illi għadu jabbuża mid-droga u għandu wkoll impjieg fiss. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi mix-xhieda tal-istess imputat jirriżulta illi llum huwa jmexxi r-*restaurant* tiegħu stess, flimkien ma' martu.

---

[37] Ara din ix-xhieda a fol. 211 sa 220 tal-proċess.
[38] A fol. 214 tal-proċess.
[39] A fol. 214 tal-proċess.
[40] A fol. 219 tal-proċess.
[41] Ara dan ir-rapport a fol. 200 sa 209 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. L-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fit-2 ta' Awwissu 2007 wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u għalhekk fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward qed issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u

ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija

tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-

avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija, kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-beneficċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali,

> **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti wkoll, illi bħal fil-każ ta' **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, fuq ċitat, f'dan il-każ in-nuqqas li l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jibda biex jingħad illi f'dan il-każ m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-imputat instab fil-pussess tar-raża tal-*cannabis*, kif ukoll illi r-raża tal-*cannabis* li nstabet fil-pussess ta' Mark Brincat, kif ukoll fil-pussess ta' Andre Grima, kienet ġejja mill-istess blokka jew sapuna li ġiet akkwistata xi jiem qabel mill-imputat bi ftehim ma' sħabu. Jirriżulta illi f'din l-okkażjoni, l-imputat prokura sapuna tar-raża tal-*cannabis* għalih u għal sħabu u dan wara li l-istess imputat u sħabu ftehmu flimkien illi jakkwistaw sapuna u jaqsmuha bejniethom.

Għal dan il-għan, kull wieħed ħareġ sehmu mill-prezz dovut, sakemm finalment kif ingħad, l-imputat iltaqa' mal-fornitur u akkwista d-droga, liema droga mbagħad inqasmet bejn l-erbat iħbieb ġewwa l-appartament tat-tfajla tiegħu Elizabeth Spence fejn kien xi drabi jorqod ukoll l-istess imputat, u dan in kwantu nofs għall-imputat u għal Spence u in kwantu għan-nofs l-ieħor għal Grima u għal Brincat.

Dak li qegħda tikkontendi d-difiża, fil-fatt, mhuwiex illi dawn il-fatti ma seħħewx, iżda illi dan ma jammontax għar-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* da parti tal-imputat, iżda sempliċiment għal *joint acquisition* tad-droga da parti tal-erbat iħbieb u illi għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati biss ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* fit-termini tal-imputazzjoni (b).

F'dan ir-rigward, id-difiża għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Psaila**, deċiża fit-2 ta' Mejju 2001.[42] F'dak il-każ, grupp ta' żgħażagħ ftehmu illi jixtru pilloli ecstasy sabiex jikkunsmawhom waqt xi *parties* li kienu ser jattendu ġewwa Għawdex. Dawn ftehmu ma' persuna illi kellha tikkonsenjalhom il-pilloli fl-appartament fejn kienu ser joqogħdu. Meta saret il-konsenja, l-imputat kien rieqed. L-imputat kien ħareġ is-sehem tiegħu tal-flus minn qabel lil sieħbu illi kellu jħallas lill-fornitur mal-konsenja. Id-droga nqasmet bejn dawn iż-żgħażagħ billi kull min kien preżenti ħa sehmu. Biss, billi ġriet l-informazzjoni illi l-Pulizija kienu qegħdin ifittxu għad-droga, iż-żgħażagħ ftehmu illi jżommu d-droga bejniethom u jaħbuha. Id-droga inħbiet ġewwa zukkiera li l-imputat sab fil-kċina tal-appartament, u din tpoġġiet fil-kamra fejn kien qiegħed jorqdu l-istess imputat u sieħbu (AB). Aktar tard wieħed miż-żgħażagħ (MG), li kien qed jirrisjedi f'xi appartament ieħor mat-tfajla tiegħu, mar għal sehmu mid-droga fl-appartament fejn kien hemm l-imputat u sħabu. Inzerta illi kien l-imputat illi fetaħ il-bieb u ta lil sieħbu pillola waħda, li skont ix-xhieda, kienet sehem dan iż-żagħżugħ. Kien proprju għaliex il-pulizija waqfet lil dan iż-żagħżugħ (MG) u fil-vettura tiegħu nstabet nofs pillola *ecstasy* illi l-pulizija waslet għall-imputat, li da parti tiegħu ġie mixli kemm bil-pussess illegali (sempliċi) ta' mediċina psikotropika u ristretta, kif ukol bit-traffikar tal-istess droga.

Dwar dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti osservat illi dan kien każ fejn id-deċiżjoni li dawn iż-żgħażagħ, inkluż iż-żgħażugħ (MG), jabbużaw mid-droga kienet waħda kollettiva. Fil-fatt tkompli l-Qorti, huma kienu flimkien meta ftehmu mal-fornitur tad-droga li jixtruha u jikkonsenjahielhom Għawdex, kulħadd ħareġ sehmu, inkluż l-imputat, u l-flus inġabru miż-żagħżugħ (AB), li ma kienx l-imputat, sabiex jiġu kkonsenjati lill-fornitur tad-droga. Il-Qorti osservat *inter alia* illi l-fatt li meta MG mar għall-pillola tiegħu, inzerta li fetaħ il-bieb l-imputat

[42] Ara a fol. 276 sa 281 tal-proċess.

u kkonsenjalu l-pillola l-istess imputat, kien fatt <u>purament inċidentali</u> li ma jikkontjenix l-estremi tar-reat ta' traffikar. Il-Qorti qieset ukoll illi kien purament inċidentali illi r-reċipjent bil-pilloli tqiegħed fil-kamra tal-imputat u li ma rriżultax illi dan l-istess reċipjent kien fil-pussess tiegħu. Meta l-fornitur tal-pilloli ħa l-istess pilloli fl-appartament taż-żgħażagħ, ma kienx l-imputat li rċevihom, iżda sieħbu AB, li kien l-istess żagħżugħ li kien qiegħed fl-istess kamra mal-imputat, fejn tpoġġa r-reċipjent.

Il-Qorti qieset ukoll illi kuntrarjament għal każ ieħor fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Josette Grech</u>**, deċiż fid-9 ta' Lulju 1996, fejn l-imputata kienet akkwistat id-droga hi, sabiex iddaħħalha l-ħabs u tikkonsenjaha lil żewġha li kien miżmum hemmhekk, f'dan il-każ ma kienx l-imputat li akkwista d-droga. Id-droga kienet mixtrija mill-grupp flimkien u meta ġiet ikkonsenjatha lil wieħed miż-żgħażagħ, l-imputat kien rieqed. Allura, kompliet il-Qorti, ma setax jingħad illi kien l-imputat li akkwista l-pillola li huwa kkonsenja lil MG. Għaldaqstant, il-Qorti għaddiet biex issib lill-istess imputat ħati tal-pussess illegali u mhux tat-traffikar ta' mediċina psikotropika u ristretta.

Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm fil-każ odjern hemm xi somiljanzi mal-każ appena msemmi, in kwantu d-deċiżjoni li tinxtara d-droga kienet waħda kollettiva u in kwantu wkoll l-erbat iħbieb ilkoll ħarġu sehemhom mill-flus li ntużaw sabiex finalment ġiet akkwistata d-droga, ma jistax jingħad illi ma kienx l-imputat li akkwista d-droga jew li huwa ma kienx fil-pussess tagħha, għalkemm anke f'dan ir-rigward, id-difiża ssostni li dan kien purament inċidentali u konsegwenti għall-fatt illi dakinhar, kuntrarjament għal drabi oħra, kien l-imputat li ġab id-droga mingħand il-fornitur għall-erbat iħbieb. Fil-każ appena msemmi, l-imputat ma kienx il-persuna illi akkwistat d-droga u l-passaġġ tad-droga bejnu u bejn MG seħħ bħala konsegwenza ta' numru ta' fatturi koinċidentali.

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha, in sostenn tat-teżi tagħha, id-difiża tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ryan Galea</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Novembru 1999. F'dak il-każ, l-appellant u t-tfajla tiegħu ddeċidew illi jixtru d-droga *cannabis* flimkien. Il-flus sabiex tinxtara din id-droga ħarġithom it-tfajla u ċioe` l-għarusa tal-appellant. Ġara pero` illi meta huma marru jixtru d-droga, l-appellant kien qiegħed isuq il-karozza u meta waqfu l-fornitur mar fuq in-naħa tas-sewwieq ossia tal-appellant u għadda d-droga fiżikament lilu. Dan ħallas bil-flus li kienet tagħtu t-tfajla, u meta ħa d-droga, huwa għaddielha parti minnha, stante illi dik id-droga kienet intiża għat-tnejn li huma. Hawnhekk il-Qorti qalet hekk:

> "Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sal-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta

> minnha lil terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha."

Il-Qorti sejra hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fil-11 ta' April 2002 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs David Gatt</u>**, fejn dwar din l-aħħar sentenza ċitata, il-Qorti qalet hekk:

> "…qari attent tal-bran tas-sentenza fuq citat juri bic-car li dik il-Qorti kienet arginat l-interpretazzjoni taghha u iddistingwiet bejn kaz bhal dak li rrizulta f'dak l-appell u kaz fejn persuna ikollha id-droga hi biss, tkun xtratha jew ottjenietha hi biss u umbaghad tati minnha lil terzi**. Fil-waqt li fis-sentenza citata irrizulta li kien wiehed fejn guvni u tfajla kienu xtraw u akkwistaw flimkien kontestwalment u ippartecipaw it-tnejn fl-akkwist**, **billi wiehed saq ghal fuq il-post tal-akkwist mal-ohra u hallas bil-flus taghha li kienet mieghu**, **dik il-Qorti iddistingwiet dak il-kaz minn kaz fejn l-akkwist ma jsirx flimkien**. [enfasi ta' din il-Qorti]
>
> Issa fil-kaz in dizamina, l-statement tal-appellat fih tlitt ipotesijiet li jridu jigu konsidrati separatament. Hemm ic-cahda kategorika tal-appellat li hu qatt qasam id-droga eroina ma haddiehor barra ma Richard Cilia u din ic-cahda mhux kontradetta bi provi u ghalhekk trid tigi accettata minn din il-Qorti.
>
> Hemm umbaghad id-dikjarazzjoni rigwardanti il-qartas li instab fuq l-appellat fil-Gnejna u dan l-appellat jghid li "Xtrajtu flimkien ma Richard, hrigna LM5 kull wiehed" u hemm finalment il-parti l-ohra tal-istqarrija li tghid ghad-domanda:-
>
> D. "Nghid sew li int u Richard Cilia gieli qsamtu id-droga flimkien, u cioe' gieli xtrajt id-droga int u qsamtha mieghu, u gieli xtrahha hu u qasamha mieghek?"
> R. "IVA." (emfasi tal-Qorti)
> D. "Dan sar matul dawn l-ahhar xaharejn?"
> R. "IVA." (emfasi tal-Qorti)
>
> Illi min din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-appellat johrog car li, anki jekk riferibbilment ghall-qartas li instab fuq l-appellat fis-7 ta' Frar, 1999, seta' kien hemm il-figura tal-"joint acquisition" li skond l-ahhar sentenza citata ma tikkontjenix l-elementi ta' biegh jew traffikar ta' raza tal-cannabis u - b'analogija imgebbda favur l-appellat - anki il-figura ta' ipprokurar jew offerta` ta' forniment tad-droga eroina li tahtha kien akkuzat l-appellat quddiem l-ewwel Qorti , jirrizulta "ex admissis" u minghajr ekwivoci li fix-xaharejn ta' qabel is-7 ta' Frar, 1999, kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellat kien xtara id-droga eroina wahdu u umbaghad qasamha ma Richard Cilia. Illi dan il-fatt ammess mill-appellat fl-istqarrija tieghu, jikkostitwixxi

> ir-reat kontemplat taht it-tieni imputazzjoni u ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher fondat u qed jigi milqugh."

Illi l-interpretazzjoni ta' dik il-Qorti in kwantu l-każ **Il-Pulizija vs Ryan Galea** hija materjali ferm għall-każ odjern.

F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kif preseduta fil-każ appena ċitat, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** mogħtija fis-17 ta' Marzu 2005, l-istess Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**, u osservat illi fiż-żewġ każijiet il-fattispecie kienu "*analogi, jekk mhux addirittura identici*", u qalet hekk:

> "Illi mill-gurisprudenza johrog car li biex ikun hemm is-"*sharing*" li jammonta ghal traffikar irid ikun hemm il-fattispecji li wiehed ikollu d-droga w jaqsamha ma xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Marvan Cachia" [26.8.98], "Il-Pulizija vs. Martin Pirotta" [15.12.98] u "Il-Pulizija vs. David Gatt" [11.4.2002] u ohrajn). Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu, mbaghad jaqsamha ma jew jikkonsenja lil haddiehor. Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f'idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn ko-akkwist minn Magro u l-appellanti.
>
> Din il-Qorti ghalhekk tara li l-fattispecji tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhom kwazi b'mod identiku mall-kaz ta' Ryan Galea u ghall-istess ragunijiet tirritjeni li bil-fatt innifsu li l-appellanti injettat lin-namrat taghha bi droga li huma kienu akkwistaw flimkien sahansitra bil-flus tal-istess namrat taghha li kien ukoll gab mieghu s-siringi, kif irrizulta lill-Ewwel Qorti, ma jissusstix ir-reat ta' traffikar izda dak biss ta' pussess."

Dak illi jakkomuna s-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea** u **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** huwa l-fatt illi f'dawn il-każijiet il-persuni nvoluti mhux biss ftehmu li jakkwistaw id-droga, u fil-każ ta' Galea, ħarġet il-flus it-tfajla, fil-waqt illi fil-każ ta' Farrugia, ħareġ il-flus Magro, dejjem għat-tnejn li huma iżda saħansitra, iżjed minn hekk, kienu flimkien meta akkwistaw id-droga. Kif ingħad iżjed 'il fuq, fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Gatt**, fuq ċitata, il-Qorti qieset illi fis-sentenza ta' Galea, element important kien il-fatt illi l-ġuvni u t-tfajla kienu xtraw u akkwistaw id-droga <u>flimkien u kontestwalment</u> u pparteċipaw it-tnejn fl-akkwist.

Il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015 fejn

id-difiża argumentat illi dan kien każ li jinkwadra ruħu fid-definizzjoni ta' *trafficking by sharing*. Madankollu, il-Qorti qalet hekk f'dak il-każ:

> "Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet Il-Pulizija v. Russell Bugeja u Il-Pulizija v. Marco Galea, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.
>
> Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."

Ir-referenza għas-sentenza appena ċitata hija għall-fini illi tinstilet distinzjoni bejn każijiet fejn persuna **<u>tindaħal</u>, <u>toffri jew tiftiehem ma' oħrajn</u>** sabiex tixtri

d-droga hi, mhux għaliha biss, iżda wkoll għan-nom ta' oħrajn, bħal fil-każ ta' **Il-Pulizija vs Omissis**, appena ċitat, u dawk il-każijiet fejn żewġ persuni jew aktar jakkwistaw id-droga flimkien u kontestwalment u jappertiċipaw fix-xiri tad-droga b'mod ugwali. Kif ingħad, f' tal-ewwel tidħol il-figura tal-mandant li jakkwista d-droga f'isem ħaddieħor u għalhekk jinkwadra fid-definizzjoni ta' 'traffikar' ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li tinkludi l-provvista tad-droga, fil-waqt illi f'tat-tieni, ix-xiri kontestwali tad-droga jammonta għall-ko-akkwist u għalhekk għall-pussess għall-użu personali.

Il-każ ta' llum jippreżenta grupp ta' erbat iħbieb illi kien ilhom jafu lil xulxin, kienu jistudjaw ilkoll flimkien u kienu jiltaqgħu regolarment, billi lkoll kienu fl-istess linja ta' studju. Dawn il-ħbieb kellhom ukoll in komun bejniethom il-vizzju tat-tipjip tal-*cannabis* – vizzju li beda żmien qabel ma ġew interċettati mill-Pulizija, meta kienu għandhom fuq *internship* ġewwa l-Iskozja. Il-laqgħat tagħhom kienu karatterizzati minn tipjip tal-*cannabis*. Kienu jiltaqgħu regolarment ġewwa l-appartament ta' Spence u hemm kienu jfasslu l-pjanijiet tagħhom u jikkonsmaw id-droga flimkien. Billi kienu jikkonsmaw ammont konsiderevoli ta' droga, huma raw kif setgħu jakkwistawha bi prezz aħjar biex jiffrankaw xi ftit flus. Kien għalhekk illi waqt illi kienu flimkien, fl-appartament ta' Spence, huma fasslu l-ħsieb illi jixtru d-droga, b'kull wieħed iħallas għas-sehem tiegħu bil-quddiem. Għalkemm l-imputat jipprova jagħti l-impressjoni illi l-flus għaddew lill-fornitur ġewwa l-iskola qabel sar l-akkwist tad-droga, biss kemm Andre Grima kif ukoll Mark Brincat jgħidu illi huma taw sehemhom lill-imputat qabel sar l-akkwist. Fil-fehma tal-Qorti madankollu, huwa mmaterjali meta u kif għadda l-korrispettiv lill-fornitur, u m'għandhiex dubju illi d-deċiżjoni tal-akkwist kienet waħda komuni u miftehma bejn il-ħbieb. Biss jibqa' l-fatt illi bħal fil-każ ta' **Il-Pulizija vs Omissis**, l-imputat poġġa lilu nniffsu fil-posizzjoni tal-mandant li akkwista d-droga mhux biss għalih, iżda wkoll għal sħabu. Ma jnaqqas xejn minn dan il-fatt illi seta' mar ħaddieħor minfloku, iżda dakinhar inzerta mar hu. Anzi jidher illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat akkwista d-droga għal sħabu għaliex huwa stess jaċċenna għall-fatt li f'okkażjoni preċedenti kien mar hu wkoll, akkumpanjat minn membru ieħor fil-grupp. Evidentement, fl-istess posizzjoni tqiegħed kull min xi darba jew oħra mar jakkwista d-droga għal sħabu, bl-intiża *a priori* li huwa ma kienx qed jixtri d-droga sempliċiment għalih, iżda li kien qiegħed jakkwista wkoll għal sħabu. Effettivament, fil-każ odjern id-difiża lanqas ittentat tressaq il-quddiem id-difiża tat-traffikar *by sharing* u dan għaliex f'dan ir-rigward, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din ma treġix fuq żewġ binarji; fl-ewwel lok, kif ingħad l-imputat akkwista d-droga *a priori* għal ħaddieħor u mhux għalih biss u fit-tieni lok, tali droga ma ġietx jew ma kinitx ser tiġi kkunsmata fl-istess lok u fl-istess ħin. Għalkemm il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx li parti minnha ġiet hekk ikkunsmatha, biss jirriżulta ċar illi kulħadd ħa s-sehem tiegħu u telaq 'l hemm, tant illi dak li kien

fadal mir-raża li kienet tifforma parti mis-sapuna li prokura l-imputat lil sħabu, instabet għand id-diversi membri tal-grupp individwalment u separatament.

Fatti dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi dan ma kienx każ ta' sempliċi ko-akkwist, iżda fil-jiem ta' qabel l-1 ta' Awwissu 2007, l-imputat irrenda ruħu ħati ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* meta akkwista d-droga mhux biss għalih, iżda għal u għan-nom ta' sħabu. Għaldaqstant, l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Lanqas ma hemm dubju illi tirriżulta ppruvata wkoll l-imputazzjoni (b) in kwantu nhar l-1 ta' Awwissu 2007 u b'ammissjoni tiegħu stess, anke fix-xhur ta' qabel din id-data, l-imputat kien fil-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2007. Veru illi d-difiża kellha sehem fid-dewmien ta' dawn il-proċeduri, kif anke jirriżulta mill-atti proċesswali, iżda ma tistax ma tqisx ukoll illi parti mid-dewmien kien ukoll riżultat tal-fatt illi l-proċeduri kontra l-imputat ittieħdu kważi tliet snin wara li seħħ il-każ u illi għaddiet sena oħra sakemm bdiet tinstema' l-kawża f'Settembru 2011.

Tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputat hija kważi netta, ħlief għal reati minuri li huwa kkommetta fis-sena 2008.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż l-ammont ta' droga nvolut, kif ukoll mill-banda l-oħra illi llum il-ġurnata l-imputat għandu ħajja stabbli, il-bogħod mid-droga, u illi flimkien ma' martu, qiegħed imexxi n-negozju tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mija u ħamsin ewro (€950), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż[43] konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut esebita a fol. 113 *et seq* tal-proċess, ossia s-somma ta' mija, disgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€139.46). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna r-rilaxx tal-flus kontanti esebiti bħala parti minn Dok. NC1 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u tal-oġġetti relatati mad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[43] Il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas biss nofs l-ispejjeż konnessi mal-imsemmija relazzjoni stante illi dan il-każ kien jinvolvi wkoll persuni oħrajn. In oltre il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 964 Robert Scicluna, stante illi dan iffotografa d-droga u oġġetti relatati misjuba fil-pussess ta' Mark Brincat.